MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Numru 235/2005

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**VS**

**JOSEPHINE CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Josephine Cassar, ta' 43 sena, bint John u Giorgia nee' Bezzina, imwielda tal-Pieta' nhar id-29 ta' Ottubru, 1961, residenti fil-fond fl-isem 'Flounder', 46, Triq tal-Mahznier, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 704 561 (M);

Akkuzata talli nhar it-12 ta' Frar, 2005, f'Hornworks Ditch, fil-Furjana, bil-hsieb li tikkorrompi lil Ian Pace, ezaminatur tas-sewqan mal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), u li ghandu n-numru tal-identita' 36471 (M), uriet dan il-

hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx, minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghha.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 120(1), (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta

Din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija Josephine Cassar hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrieha, u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------